**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Rikors Ġuramentat Numru: 8/2020SG**

Francis Thewma (K.I. 60641G)

VS.

Kevin u Lesley Karon Hodkin
(K.I. T 9700567 u MT 4268157)

Illum 14 ta' Ġunju 2024

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors Ġuramentat ippreżentat nhar it-23 ta' Jannar 2020 li jaqra hekk:**

1. *«Illi r-rikorrenti huwa propretarju tal-fond numru tmienja u sebgha u hamsin (57) fi Triq Ghajn Qamar, Victoria, Ghawdex (Dok. A) liema fond huwa akkwista bis-sahha ta' kuntratt atti Nutar Giuseppi Cauchi ta' l-ewwel (1) ta Mejju tas-sena elf disa mija u erbgha u sebghin (1974) (Dok A).*

2. *Illi min-naħa l-oħra, il-fond adjacenti bin-numru tmienja u ħamsa (58) huwa proprjeta' tal-intimati Kevin u Lesley Karon Hodkin li huma akkwistaw bis-saħħa ta' kuntratt ta' l-għoxrin (20) ta' Settembru elfejn u sbatax (2017) atti Nutar Kristen Dimech (Dok. B).*

3. *Illi l-ħajt li jagħmel parti mill-proprjeta' tal-intimati bl-indirizz tmienja u ħamsin (58) Triq Għajn Qamar, Xagħra, Għawdex waqa, jew inkella twaqqa', għal gol-proprjeta' tal-esponenti fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April elfejn u tmintax (2018);*

4. *Illi per konsegwenza gew ikkawżati ħsarat konsiderevoli fil-fond tal-esponenti, liema ħsarat gew elenkati fir-rapport tal-Perit Joseph P. Dimech datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju elfejn u tmintax (2018) li qed jigi anness bħala Dok. C.*

5. *Illi l-intimati għandhom ukoll kanal tal-ilma fil-proprjeta' tagħhom li gie mirdum, bil-konsegwenza li jipperkola l-ilma għall-gol-proprjeta' tar-rikorrenti u li da parti tiegħu qed jikkawża umdita' u ħsara fl-istess proprjeta' tar-rikorrenti. Dan il-kanal huwa muri fir-ritratti anness bħala D1 u D2*

6. *Illi fil-kawża fl-ismijiet 'Francis Theuma vs Dr. Alfred Grech noe', li kienet saret bejn l-istess esponenti, u l-predecessuri fit-titolu ta' l-intimati, liema kawża kellha n-numru 32/1992/1 u giet deciża minn din l-istess Qorti fid-19 ta' Settembru 2003, gia' gie dikjarat li dan l-istess kanal għandu jinżamm nadif u altrimenti tigi kkawżata ħsara bih (Dok. E);*

7. *Peress li l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jersqu għall-likwidazzjoni u konsegwenti ħlas tad-danni minnhom ikkawżati kif hawn fuq spjegat u sabiex iżommu l-kanal tal-ilma miftuħ u nadif, inkluż permezz ta' ittra ufficjali bin-numru erba' mija u tlieta żbarra elfejn u tmintax (403/2018) datata erbgħa u għoxin (24) ta' Lulju elfejn u tmintax (2018) (Dok. F), dawn baqgħu inadempjenti;*

8. *Illi għalhekk l-esponenti kellu jipprocedi b'din il-kawża.*

9. *Illi dawn il-fatti qed jigu dikjarati minn Francis Thewma il ghandu konoxxenza proprja taghhom.*»

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

a. «*Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom bhala unikament responsabbli lejn ir-rikorrenti ghar-rizarciment tad-danni sofferti minnu konsegwenza tal-kroll ta' hajt proprjeta' ta' l-intimati ghal gol-proprjeta' tal-esponenti;*

b. *Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mir-rikorrenti;*

c. *Tikkundanna lill-intimati flimkien u in solidum bejniethom jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti jhallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat u ddikjarat bhala dovut flimkien mal-imghax fuq l-istess ammont skont il-ligi mid-data tal-ittra uffijcali numru erba mija u tlieta zbarra elfejn u tmintax (403/2018) sad-data tal-hlas effettiv;*

d. *Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom ghandhom l-obbligu li jiehdu l-prekawzjonijiet necessarji biex jassiguraw li l-kanal tal-ilma li hemm fil-proprieta' taghhom ma jipperkolax ilma ghal gewwa l-proprjeta' tar-rikorrenti;*

e. *Tiddikjara inoltre x'inhuma dawk il-prekawzjonijiet necessarji li jridu jittiehdu ghal dan l-iskop, liema prekawzjonijiet ghandhom jinkludu tindif regolari ta' l-istess kanal;*

f. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex f'kaz li l-intimati jonqsu milli jiehdu dawn il-prekawzjonijiet, l-istess rikorrenti jaghmel ix-xogholijiet ordnati hu a spejjez ta' l-intimati.*

*Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittri ufficjali numu erba' mija u tlieta zbarra elfein a tmintax (403/2018) kontra l-intimati li minn issa huma nguti ghas-subizzioni.*»

**Rat ir-risposta maħlufa ta' Kevin u Lesley Hodkin tat-22 ta' Ġunju 2020 li taqra hekk:**

1. «*Illi preliminarjament, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Illi fil-mertu, kwalunkwe danni u hsarat allegati huma kontestati kategorikament mill-intimati u isostnu li mhumiex responsabbli ghal-ebda forma ta' danni;*

3. *Illi wkoll fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit, l-attur jehtieglu jipprova mhux biss ir-responsabbilita' tal-intimati izda ukoll li, kif qed jigi allegat, l-intimati kienu unikament responsabbli ghad-danni u sarat allegati;*

4. *Illi barra minn hekk, l-attur jehtieglu jipprova mhux biss id-danni sofferti izda ukol il-quantum ta' tali danni allegati mill-attur;*
5. *Salv eccezzjonijiet ohra permessibbli mil-ligi.*

*Bl-ispejjez.*»

**Rat ukoll id-Dikjarazzioni ta' fatti ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal- Liġijiet ta' Malta fejn ġie eċċepiet li:**

1. «*Illi fil-mertu, l-attur jehtieglu jipprova l-allegazzjoni tieghu illi l-intimati kienu unikament responsabbli ghad-danni u hsarat allegatament sofferti u ghalhekk mhux biss ghandu jipprova r-responsabbilita' allegata izda wkoll ghandu jgib prova illi mhemmx kontributorjeta' tal-attur stess jew ta xi terz;*

    *1.1 B'rabta ma' dan, l-esponenti jichad katergorikament illi hija kkawza xi dannu lill-fond kontigwu;*

*1.2 Kif se jintwera fil-mori tal-proceduri, il-kanal jew gandott tal-ilma li ghalih hemm referenza fir-rikors mahluf huwa ghal kollox niexef u ghalhekk ma hemm l-ebda mod kif setghet tigi kkawzata l-hsara deskritta fir-rikors mahluf;*

2. *Ili b'referenza ghat-talba ghall-likwidazzjoni tad-danni, jehtieg li ssir prova tal-quantum ta' tali danni;*

3. *Inoltre, ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kap 12, jigi dikjarat illi:*

- *Il-fatti msemmija fl-ewwel zewg paragrafi tar-rikors mahluf mhumiex kontestati;*
- *Il-bqija tal-fatti dikjarati mir-rikorrenti huma kontestati u jehtieg illi jigu ippruvati.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur.*»

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti ppreżentati;

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet pprezentata mill-attur;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut;

Rat li l-kawza ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta’ din il-kawża l-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni u kundanna li l-intimati jew min minnhom huma unikament responsabbli għal danni sofferti minnu konsegwenza tal-allegat kroll ta' ħajt proprjetà tal-intimati għal ġol-proprjetà tar-rikorrenti kif ukoll sabiex jiġu likwidati d-danni sofferti. L-attur  qiegħed jitlob ukoll lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-intimat huwa obbligat li jiehu l-prekawzjonijiet neċessarji biex jassiguraw li l-kanal tal-ilma li hemm fil-proprjetà tal-attur u sabiex jiġu indikati x’inhuma dawk il-prekawzjonijiet neċessarji. Illi min-naħa tagħhom il-konvenuti jirrispinġu t-talbiet tal-atturi.

**Ikkunsidrat:**

**Provi Prodotti**

In riassunt,  il-provi prodotti kienu s-segwenti:

**Francis Teuma** xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit u ddikjara illi huwa s-sid tal-fond bin-numru 57 fi Triq Għajn Qamar, ix-Xagħra, Għawdex li kien akkwista bis-saħħa ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi datat l-1 ta’ Mejju tas-sena 1974. Spjega li l-fond adjaċenti bin-numru 58 huwa proprjetà ta’ Kevin u Lesley Karon Hodkin. Spjega li fl-4 ta’ Mejju 2018 huwa kien għamel rapport mal-Pulizija minħabba li meta dahal fil-proprjetà tiegħu flimkien ma’ ibnu, Paul Theuma, kien sab il-ħajt li jagħmel parti mill-proprjetà ta’ Hodkin kien waqa’ għal ġol-proprjetà tiegħu. Saħaq illi minħabba l-fatt illi ma kien joqgħod ħadd ġol-post dak iż-żmien huwa kien imur darba fil-ġimgħa jittawwal l-post u ibnu Jason Teuma kien imur xi darba kull ġimagħtejn. Qal li fis-sena 2020 ġo dan il-fond kien qed jgħix in-neputi Jonathan Teuma. Iddikjara li l-ħajt kien waqa’ xi darba matul il-ġimgħa ta’ qabel l-4 ta’ Mejju 2018, jew saħansitra dakinhar stess li marru jżuru l-post hu u ibnu. Qal li huma raw li l-knaten li kien hemm mifruxin mal-mandra kollha kienu waqgħu madwar żewġ sulari għoli u kkawżaw ħsara konsiderevoli fil-fond tiegħu, liema ħsara ġiet elenkata fir-rapport datat 25 ta’ Mejju 2018 li kien għamel il-Perit tieghu, Joseph P. Dimech. Huwa saħaq li tali ħajt baqa’ mwaqqa’ u Hodkin qatt ma qalu li kienu ser jirranġawh

u ibnu Jason kien tkellem ma' Kevin Hodkin li kien qallu li l-ħajt kien waqa' bir-riħ. Skont Teuma dan ma kienx possibbli peress li kieku vera kellu jaqa' bir-riħ, il-ħajt kellu jaqa' fil-fond ta' Hodkin. Spjega wkoll li huwa ma jiftakarx li f' dak iż-żmien, kien hemm ir-riħ.

Kompla jgħid li l-intimat Kevin Hodkin kien ammetta ma' Jason li kien hu stess li waqqa' l-ħajt u għalkemm Jason kien prova jmur għand tal-GO mobile biex jakkwista recording tat-telefonati u l-messaġġi li kellu ma' Kevin Hodkin, dan ma kienx possibbli. Huwa qal li kien sar jaf li kien qiegħed isir xi xogħol fil-fond ta' Hodkin minn ibnu stess u li sar jaf li l-intimati kienu qabdu xi ħaddiema biex idaħħlu l-affarijiet u l-materjal bil-krejn sabiex jirranġaw il-kamra tal-banju. Saħaq illi, għalkemm ma kienx hemm, probabbilment kienu laqtu l-ħajt waqt tali xogħlijiet. Qal ukoll illi granet qabel ma waqa' l-ħajt, huwa kien jidher li kellu daqqa, u li minħabba tali daqqa huwa kien tmejjel. Tenna jgħid li l-konjuġi Hodkin għandhom kanal fil-proprjetà tagħhom li kien gie mirdum, liema kanal kien suġġett ta' kawża oħra li huwa kellu mas-sidien precedenti. Xehed li meta l-kanal kien mirdum kien jipperkola l-ilma għal ġol-proprejtà tiegħu u kien qiegħed jikkawza umdità u ħsara fil-fond tiegħu. Huwa qal li l-kanal kelli żewġ (2) kantuni, sellum u ħamrija, u minħabba f'hekk kien qiegħed iżomm l-ilma. Esibixxa għalhekk ritratti mmarkati bhala FT2 u FT3 meħuda fit-23 ta' Novemberu 2020. Qal li huwa kien talab diversi drabi, anke permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 403/2018 datata 24 ta' Lulju 2018, biex isiru x-xogħlijiet neċessarji u jersqu għal-likwidazzjoni, ħlas tad-danni u biex iżommu l-kanal miftuħ u nadif, però xejn ma sar għajr it-tindif tal-kanal wara li ġiet preżentata din il-kawża.

Francis Theuma xehed in kontroeċami nhar it-12 ta' Jannar 2022 fejn ikkonferma li huwa ma kienx joqgħod fil-fond bin-numru 57, fi Triq Għajn Qamar, ix-Xagħra iżda kien jgħix fih madwar ħamsa u tletin (35) sena qabel. Qal li huwa baqa' jżomm xi ħwejjeg tiegħu f'dan il-fond u kemm hu kif ukoll ibnu kienu jmorru jittawwalu f' tali fond biex jieħdu xi għodda. Qal li riċentament kien mar jgħix fih in-neputi iżda madanakollu ċċara li meta sar l-inċident ma kien jgħix hadd fil-fond proprjetà tiegħu. Mistoqsi fuq il-ħajt li allegatament waqa' jew twaqqa', ix-xhud spjega li tali ħajt kien

magħmul b' żewġ saffi, saff proprjetà ta' Hodkin u saff proprjetà tiegħu. Qal iżda li l-hajt li waqa' jew twaqqa' kien proprjetà ta' Hodkin. Saħaq li l-ħajt kien ħa xi daqqa bil-bajla għax ibnu infurmah li kien ra daqqa fil-ħajt u kien ra l-istess ħajt immejjel għal ġol-fond tiegħu, liema ħajt kien jagħmel parti mill-proprjetà ta' Hodkin. Ix-xhud spjega li l-ħajt kisser ukoll l-passaġġ tal-konkos tiegħu, liema ħajt kien fi stat tajjeb. Qal li dan kollu ġara minħabba li Kevin kien biddel il-kamra tal-banju u kien hemm krajn in-naħa ta' wara għax kien qiegħed isir żvilupp. Huwa nnega li tali ħajt qatt seta' jaqa' bir-riħ. Francis ikkonferma li huwa ma kienx sema' t-telefonata ta' Jason u Kevin iżda qal li qabel ma twaqqa' l-ħajt huwa kien kellem lil Kevin biex tali ħajt ma jmissux ħalli ma jaqax filwaqt li kkonferma li d-daqqa bil-balja huwa ma rahiex però kien raha t-tifel tiegħu u l-perit. Ikkonferma wkoll li waqa' il-hajt huwa kien kellem lil Kevin biex ma jmiss xejn sabiex jagħmel rapport filwaqt li saħaq li Kevin kien irrifjuta li qatt iħallas jew jirranġa iżda wara li għamlu l-kawża, in-neputi tiegħu kien infurmah li l-intimati kienu nadfu.

**Paul Theuma** xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit fejn iddikjara li missieru huwa sid il-fond numru 57 fi Triq Għajn Qamar, ix-Xagħra, Għawdex filwaqt li l-fond adjaċenti bin-numru 58 huwa proprjetà ta' koppja barranin Kevin u Lesley Hodkin. Saħaq li fl-4 ta' Mejju 2018 kien mar ma' missieru Francis Teuma fil-fond 57 u kienu sabu l-ħajt imwaqqa' bil-kantun mifrux mal-proprjetà tagħhom. Qal li dan kollu kien ikkawża ħafna ħsara, fosthom ħsara fil-ħitan tal-gallinar u fil-gallinar innifsu, f'passaġġ tal-konkos, fil-garden furniture, f'tinda tat-trakk li kien hemm fil-mandra u f'sellum. Xehed li kienu marru l-Għassa tar-Rabat, Għawdex biex jagħmlu rapport. Kompla jgħid li hu qatt ma tkellem ma' Kevin jew ma' martu, iżda qal li Kevin kien saħaq li huwa kien waqqa' l-ħajt bil-permess ta' ħuh Jason iżda wara kien qal li tali hajt kien waqa' kawża ta' riħ. Żied jgħid li qabel ma kien waqa' l-ħajt huwa ma kienx imur spiss fil-proprjetà iżda kien jaf li ħuh Jason u missieru kienu jmorru ta' spiss. Madanakollu huwa kien jaf li qabel ma waqa' tali ħajt ma kienx hemm ħsara fil-proprjetà ta' missieru. Saħaq li l-ħsara kienet tidher friska u li saret kaġun tal-ħajt li twaqqa'. Qal li fis-sena 2020 beda jgħix hemm ibnu Jonathan Teuma. Spjega li huwa kien mar ma' missieru u mal-Perit Joseph P. Dimech biex jara x'kien ġara u jħejji

rapport dwar il-ħsarat, kif ukoll ħaddiem tiegħu sabiex jieħu r-ritratti u jieħu l-qisien neċessarji. Kompla jgħid li wara, Paul kien mar inaddaf il-ġebel għal ġenb. Kompla jgħid li l-intimati baqgħu jirrifjutaw li jħallsu lil missieru għad-danni sofferti u baqgħu qatt ma għamlu x-xogħlijiet. Żied jgħid li l-kanal kien għadu lanqas ġie mnaddaf sew.

Nhar it-13 ta' Jannar 2022, xehed in kontroeżami Paul Theuma li kkonferma li huwa ma kienx ra l-ħajt jaqa' tant li hu kien daħal fil-post wara li waqa' l-ħajt u wisq anqas qatt kellem lill-konjuġi Hodkin. Żied li Kevin kien qallu li l-ħajt kien waqqgħu hu għax kien tah il-permess Jason iżda in segwitu biddel il-verżjoni u kien qallu li kien waqa' bir-riħ. Żied jgħid li kien evidenti li l-ħajt kien għadu kemm waqa' għaliex missieru u ħuh kienu jżuruh ta' spiss u għaliex it-tkissir tas-siment tal-passaġġ u l-ħitan kienu jidhru. Ix-xhud ikkonferma li l-proprjetà għamlet żmien twil magħluqa u li ma kien jgħix ħadd ġo fiha filwaqt li saħaq li l-ħajt li waqa' kien ta' Hodkins.

Xehed **Jason Theuma** permezz tal-proċedura tal-affidavit fejn iddikjara li missieru huwa sid il-fond numru 57 fi Triq Għajn Qamar, ix-Xaghra, Għawdex filwaqt li l-fond adjaċenti bin-numru 58 huwa proprjetà ta' koppja barranin Kevin u Lesley Hodkin. Spjega li kien imur fil-fond bejn wieħed u ieħor darba kull ġimagħtejn biex jara jekk kienx ikun hemm bżonn xi manutenzjoni, u meta kien ikun hemm bżonn kien imur darba fil-ġimgħa. Kompla jgħid li wara li kien waqa' l-ħajt, kien mar jgħix fil-fond proprjetà ta' missieru n-neputi tiegħu Jonathan Teuma. Kompla li darba kien mar jittawwal il-post u kien mar ikellmu Kevin Hodkin li kien talbu biex jidħol fil-fond ta' dan tal-aħħar biex jara xi ħsara f'ħajt, liema ħsara huwa ma kienx jaf biha għax ma kinitx tidher mill-fond ta' missieru u fuq f'liema ħajt huwa kien ra konsentura li kienet tidher qisha daqqa minn ġol-ħajt ta' Hodkin għal ġol-ħajt ta' missieru. Qal li fil-fatt, tali ħajt kien imbuttat lejn il-proprjetà ta' missieru.

Kompla jispjega li Kevin infurmah li l-ħsara kienet saret bir-riħ, però dak iż-żmien ma kienx hemm ġranet b'riħ qawwi. Żied li l-ħajt kien ilu hemm aktar minn tletin (30) sena u li kien ħajt solidu tal-kantun. Qal li meta kien ra tali ħajt kien talbu biex jibni

scaffolding fuq in-naħa tiegħu u biex isib bennej biex jagħmel ix-xogħlijiet neċessarji biex jirranġa l-ħajt. Xehed li matul dik il-ġimgħa stess kien ċempillu missieru u infurmah li tali ħajt kien waqa' għal ġol-proprjetà tiegħu u meta missieru kien mar ikellem lil Hodkin, dawn kienu qalulu li huma kienu waqqgħu tali ħajt wara li ħadu permess mingħand Jason, però dan ma kienx minnu. Kompla li meta huwa ċempel lil Kevin, dan qallu li l-ħajt kien waqa' bir-riħ iżda spjega li ma kienx riħ matul dik il-ġimgħa. Xehed li wara li waqa' il-ħajt huwa kien ittawwal għal ġol-proprjetà ta' Kevin u ra li fil-kanal li kien hemm fil-proprjetà tagħhom u li kien imiss mal-proprjetà ta' missieru, kien hemm banju, madum tal-kamra tal-banju mkisser u terrapien.

Kompla jispjega li dan il-kanal kien sar b'ordni mill-Qorti f'kawza li kellu missieru kontra s-sidien preċedenti, u li kienet ordnat li b'dan il-kanal il-proprjetà tagħhom tinfired minn ta' missieru sabiex ma ssirx hsara lill-proprjetà ta' missieru. Żied li sussegwentament u minn fuq Facebook tiegħu, huwa seta' jinnota u jikkonferma li l-intimat qed jaqla' l-kamra tal-banju li qiegħda fuq in-naha tal-proprjetà ta' missieru, u ċjoè fejn kien hemm il-ħsara fil-ħajt li eventwalment twaqqa' għal ġol-fond ta' missieru. Qal li warajhom kien qiegħed isir xogħol ta' kostruzzjoni, u kien hemm armat tower-crane li kien ilaħħaq għal ġol-proprjetà ta' Hodkin. Iddikjara li kellu suspett illi Hodkin kien uża t-tower-crane biex idaħħal il-materjal li kien hemm bżonn tal-kamra tal-banju, u waqt li kien qed isir dan, il-ħajt in kwistjoni ntlaqat peress li d-daqqa kienet waħda kbira u bilfors ġie imbuttat b'xi ħaġa kbira tant li l-ġebel kien qiegħed mifrux mal-mandra kollha. Tenna li huma talbu lil Hodkin sabiex jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji u jersqu għal-likwidazzioni u konsegwenti ħlas tad-danni li ġew ikkawżati minnhom u sabiex iżommu l-kanal miftuħ u nadif filwaqt li kkonferma li b'messaġġ li kien bgħattlu, Kevin kien stqarr miegħu li kien hu li waqqa' l-ħajt ghax kien jaħseb li huwa ta' periklu għalih, għal martu u l-pets tiegħu. Temm jgħid li l-konjuġi Hodkin baqgħu jirrifjutaw li jħallsu lil missieru għad-danni sofferti, u lanqas għamlu x-xogħlijiet tant li l-kanal għandu lanqas ġie mnaddaf sew.

Jason Teuma xehed in kontroeżami nhar it-13 ta' Jannar 2022 fejn ikkonferma li Kevin kien talbu biex jidħol għandu biex jara l-ħsara tal-ħajt, liema ħsara huwa ma

kienx jaf biha għax fuq in-naħa ta' missieru ma kien jidher xejn iżda seta' jinnota li l-ħajt kien imċaqlaq però ma kienx jidher li kien ser jaqa'. Xehed li l-ħajt kien ilu mibni xi erbgħin (40) sena u kien jidher fi stat tajjeb. Spjega li mis-sit soċjali facebook seta' jinnota li Kevin kien qiegħed immodifika l-kamra tal-banju u assuma li d-daqqa ġol-hajt kienet saret bil-makkinarju li kien qiegħed juża biex idaħħal l-affarijiet biex irranga l-kamra tal-banju. Kompla jgħid li hu kien ta l-parir lil Kevin sabiex jibni scaffolding fil-proprjetà tiegħu, iħottu l-ħajt u jerġa' jibnih. Qal li b'referenza għall-allegazzjoni li l-ħajt kien waqa' bir-riħ, din hija impossibbli li titwemmen peress li tali ħsara ġrat fis-sajf u ma kienx hemm riħ. Spjega wkoll li lil missieru Kevin kien ħa permess mingħandu biex iwaqqa' l-ħajt. Mistoqsi jekk kienx ħa ritratti meta daħal għand Kevin, huwa rrisponda fin-negattiv iżda kien ħa ritratti meta waqa' l-ħajt fil-proprjetà ta' missieru. Qal li l-aħħar li ra kien il-kanal kien mimli terrapien li Kevin kien qala' mill-kamra tal-banju, bil-banju u bil-madum imkisser. Huwa qal li l-ħajt bilfors twaqqa' b'xi ħaġa b'saħħitha għax ma kienx jintlaħaq u kien proprju għalhekk li ħaseb li kien sofra xi daqqa b'tower crane meta kien qiegħed jinġarr il-materjal biex titbiddel il-kamra tal-banju ta' Kevin. Huwa saħaq li l-ħajt kien solidu u kien ilu mibni erbgħin (40) sena u ebda riħ ma seta' ċaqilqu.

**PS 552 Matthew Grech** xehed nhar il-5 ta' Frar 2021 fejn ppreżenta rapport magħmul minn Francis Theuma fl-4 ta' Mejju 2018 u saħaq li huma qatt ma kellmuh lil Hodkin minħabba li Theuma kien wera l-ħtieġa li r-rapport ikun għal fini ta' record biss u ma talab l-ebda investigazzjoni.

L-intimat **Kevin Hodkin** xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit u spejga li hu flimkien ma' martu kienu ġew Malta fis-sena 2009 u in segwitu kienu xtraw il-fond 58, fi Triq Għajn Qamar, ir-Rabat, Għawdex permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Settembru 2017. B'referenza għall-affidavits preżentati mir-rikorrenti, xehed li hu ma jaqbel mal-ebda dikkjarazzjoni kkontenuta fl-affidavit ta' Jason Theuma għajr mal-fatt li kien minnu illi huwa kien staqsa lil Jason biex imur għandu, tellgħu fuq il-bejt u meta kienu fuq il-bejt huwa kien qal lil Jason li l-mod ta' kif kien mibni l-ħajt komuni ma kienx sigur għalihom it-tnejn speċjalment għal missieru, tant li wieħed seta' jara

mix-xquq ta' ġo dan il-ħajt. Kompla li hu infurmah li kien ikun għaqli jekk jitwaqqa' l-ewwel saff ta' dan il-ħajt u Jason qabel miegħu u awtorizzah jagħmel dan. Ix-xhud caħad li huwa qal lil Jason li tali ħsara ġiet ikkawżata mir-riħ filwaqt li żied jgħid li l-unika darba li kien semma r-riħ kien meta kienu fuq il-bejt u kien qallu li l-ħajt seta' jaqa' bir-riħ. Kompla jgħid li l-kamra tal-banju li kien irranġa ma kinitx fuq in-naħa tal-proprjetà ta' Francis, iżda kienet in-naħa l-oħra u li din il-kamra tal-banju ma kellha x'taqsam xejn mal-kanal jew ma' tali ħajt. Saħaq li bix-xogħlijiet li għamel hu ma kien ikkaġuna l-ebda ħsara fil-ħajt komuni, liema ħajt kien fi stat ħażin minħabba nuqqas ta' manutenzjoni min-naħa tal-ġirien u li hu kien prova jiddiskuti magħhom soluzzjonijiet għall-benefiċċju taż-żewġ partijiet. Huwa ma qabilx lanqas li l-kanal kien mimli, tant li saħaq li hu stess kien naddfu u li l-ilma kien għaddej sew. Tul ix-xhieda tiegħu, l-intimat iddikjara u enfasizza li l-ħajt in kwistjoni huwa komuni għall-partijiet.

Kevin Hodkin xehed in kontroeżami nhar is-17 ta' Mejju 2023 fejn spjega li l-ħajt kien jifred iż-żewġ proprjetajiet u li ma għandu l-ebda ħajt li jistrieħ fuq dan il-ħajt. Qal li dan il-ħajt kien inbena għall-privatezza. Ikkonferma li hu kien talab lil Jason jidhol għandu u kienu marru fuq il-bejt biex jurih dan il-ħajt. Qal li Jason kien infurmah li fil-post ta' missieru ma kien jgħix ħadd għal tmintax(18)-il sena u li tali ħajt kien perikoluż u li jekk jaqa' għal ġol-post tiegħu seta' joqtol lill-mara tiegħu. Qal li tali ħajt ma kienx mibni sew, tant li wieħed seta' jara d-dawl tax-xemx mit-toqob ta' ġol-ħajt u li meta kien jagħmel ir-riħ kienu jaraw dan il-ħajt jiċċaqlaq. Kompla li huwa ppreżenta ritratti ta' kif kien il-ħajt qabel ma huwa beda jħottu u qal li Jason kien ċempel lil missieru quddiemu. Spjega li kien ġie miftiehem li hu kellu jħott dan il-ħajt ġebla ġebla. Ikkonferma li fil-perjodu meta kien qed jixhed, fil-post proprjetà tar-rikorrenti kien qiegħed joqgħod in-neputi tal-istess rikorrenti li kien irrenova d-dar. Huwa qal li meta waqqa' dan il-ħajt, ma kien qiegħed jagħmel l-ebda renovazzjoni fid-dar tiegħu u li l-kamra tal-banju kienet ġiet renovata hames snin qabel.

Il-Perit Joseph P Dimech ikkonferma bil-ġurament tiegħu r-rapport ippreparat minnu li ġie kkonfermat bil-ġurament quddiem in-Nutara Dr Roberta Buttigieg Simiana. F' dan ir-rapport, iddikjara li:

> *"Gejt mitlub minn Mr Francis Thewma biex naghmel rapport u stima ta' hsarat li ġarrab fil-prorpjeta' tieghu 57 Triq Ghajn Qamar, Xaghra, Ghawdex. Jien mort fuq il-post fl-10 ta' Mejju 2018.*
>
> *Din il-hsara kienet ikkagunata billi l-hajt tal-girien, fuq in-naha tan-nofsinhar iggarfet parti minnhu. Dan il-hajt inbena fuq l-art tal-girien fil-proprjeta numru 58, u kien jmiss mal-hajt ta' Francis Theuma. Fuq ir-ritratt numru 1, qed nindika bil-kulur ahmar konsentura minn fuq s'isfel. Barra mill-konsenura l-hajt ma baqax dritt izda tghawweg (ritratt numru 2).*
>
> *Il-kantuni waqghu ghal gol-bitha ta' Thewma (ritratt numru 3) bil-konsegwenza li ghamlu hsara fil-passagg tal-konkos li hemm ma' dan il-hajt parti mill-gallinar (ritratt numru 4) kif ukoll tinda ta' trukk li kienet fil-bitha.*
>
> *Id-danni li sofra Francis Theuma jammontaw ghal:*
>
> 1. *Kisi tal-passagg tal-konkos li hemm mal-hajt*
>    *€160.00*
> 2. *Tiswija tal-gallinar*
>    *135.00*
> 3. *Garr u tindif tal-kanutni u restawr tal-gardina*
>    *250.00*
> 4. *Tinda ta' trukk* --------
> 5. *Hlas tal-Perit ghal dan ir-rapport*
>    *140.00*
>
>    *TOTAL* *€*
>    *685.00*

*Is-sid ta' l-proprjeta numru 59, Triq Ghajn Qamar, trid tirranġa, ghas-spejjez taghha l-hajt taghha billi tinqala' dik il-parti tal-hajt li ma baqghetx f' linja dritta kemm horizontalment kif ukoll vertikalment. Kollox ghandu jsir skond is-sengha u l-arti."*

**Ikkunsidrat:**

**Principji legali applikabbli**

Huwa prinċipju legali stabbilit fil-Kodiċi Ċivili li kull wieħed iwieġeb għall-hsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Għal dak li għandu x' jaqsam mal-ewwel tliet talbiet attriċi, issir riferenza għall-kawza fl-ismijiet **Ingegnere Frank Calafato vs Carmelo Grech** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru 1921 [Vol. XXIV.i.894] fejn intqal:-

> *"Attessocche' contrariament a quanto sembra aver ritenuto la prima Corte, quando in un giudizio di risarcimento di danni l'attore allega d'aver sofferto il danno di culi reclama la rifazione, per colpa del convenuto, egli e' nell'obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo; poiche' la colpa e' un'ipotesi giuridica e generica finche' sta nella disposizione della legge o nei trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili. Occorreva quindi che nella causa fosse risultata la colpa specifica del convenuto, consistente in un fatto o una omissione, alla quale potesse attribuirsi la rottura del cilindro della motocicletta in quistione che l'attore nel suo atto di citazione ha allegato d'essere stata cagionata dal convenuto".*

Din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino vs Angelo Xuereb noe et** [Citaz. Nru: 1264/99TM] deciza fit-3 ta' Lulju 2003 fejn intqal li *"fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilta extra-contrattuale huwa l-attur li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu ghaliex f'tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert".*

Illi għalhekk fil-każ odjern, jinkombi fuq l-attur li jipprova pożittivament il-ħtija u r-responsabbiltà tal-konvenut. Kif tajjeb intqal fil-kawża fl-ismijiet **Antonio Vella vs Emanuel Attard** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 1976 ir-regola komuni huwa l-prinċipju "*culpae non praesumuntur, u għalhekk ma toperax u ma tapplikax meta l-awtur tad-dannu ma jkunx obbligat versu d-danneġġjat minħabba u skond kuntratt, jew in forza ta' kwazi kuntratt. Fejn ma hemmx kuntratt jew kwazi kuntratt japplikaw ir-regoli komuni sanciti mill-aforisma legali affermanti incumbit probation (Re Regulis Juris) actore non probante, qui convenitur, stei nihil ipse praestet, obtinebit*".

A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tagħmel ampja referenza għall-ġurisprudenza kkwotata mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu u ċjoè s-sentenza mogħtija fl-ismijiet D' Amato Michael nomine vs Spiteri Filomena et deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru 2003; GO plc vs Charles Dimech deciza fit-28 ta' Lulju 2011 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili; Mark Schembri & Associates Limited u b' digriet tal-25 ta' Awwissu 2011 ġiet korretta għal Mark Schembri & Sons Limited vs Daniel Vella et deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru 2011; John Azzopardi vs Attard Bros. Company Limited et deċiża fis-7 ta' Frar 2012; u Galea Josef vs Combinati Transport Serv Ltd noe deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri tat-30 ta' Marzu 2001.

**Ikkunsidrat:**

**Evalwazzjoni fil-mertu**

Fil-kawża tal-lum, din il-Qorti hija rinfaċċjata b'verżjonijiet tal-partijiet li huma dijametrikament opposti fejn si tratta tal-kwistjonijiet ċentrali tal-kawża. Min-naħa l-waħda, l-attur u x-xhieda minnu prodotti lkoll jgħidu li l-ħajt twaqqa' b'daqqa kkawżata minn makkinarju li kien qiegħed jintuża mill-intimati u/jew ħaddiema mqabbda minnhom filwaqt li jiċħdu li huma taw il-kunsens u awtorizzazzjoni lill-intimat sabiex iħott il-ħajt biċċa biċċa. Min-naħa l-oħra, il-konvenut jgħid li wara li

huwa kien stieden lil Jason Theuma f'daru sabiex jara l-ħsara fil-ħajt, huwa kien ingħata l-permess u awtorizzazzjoni sabiex iħott il-ħajt, kif filfatt huwa beda jagħmel.

Fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Marzu 2004 fil-kawza '**Xuereb vs Gauci et**' il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk –

*Huwa pacifiku f` materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji flevalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur" …*

*Tal-istess portata kienet id-decizjoni ta` din il-Qorti (PA/TM) tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "Bugeja vs Meilak" fejn inghad hekk –*

*Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta` Novembru, 1966, li –*

*"il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq ilbilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn listess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati talhajja, verosimili. Dan*

*fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghallkonvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, iccertezza morali hi ndotta mill-preponderanza talprobabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika filkamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

*Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "***Farrugia vs Farrugia***" –*

*"mhux kwalunkwe tip ta` konflitt ghandu jhalli lillQorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta u jkollha taqa` fuq irregola ta` in dubio pro reo". (ara wkoll – "Ciantar vs Curmi noe" – PA/PS – deciza fit28 ta` April 2003 u "Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa" - PA/PS - deciza fit-28 ta` Mejju 2003).*

*Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tas-17 ta` Marzu 2003 fil-kawza "***Camilleri vs Borg***", kienu citati linsenjamenti tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tal-25 ta` Frar 1952 fil-kawza* **"Zammit vs Petrococchino"** *u tal-Qorti tal-Appell (Sede Civili) tal-5 ta` Marzu 1986 fil-kawza "Vassallo vs Pace" fejn kien inghad illi "l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet ; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet".*

Din il-Qorti għarblet ix-xhieda prodotta. Tqis li mill-provi kollha li tressqu, jirriżulta li l-attur u x-xhieda prodotti minnu ħarġu b' ħafna teoriji u konġetturi dwar kif u għaliex waqa' l-ħajt. Fost oħrajn, intqal li dan waqa' b'daqqa ta' bajla, iżda dan l-allegat inċident ħadd minnhom ma rah iseħħ. Ulterjorament l-attur u x-xhieda minnu prodotti, senjatament uliedu, ilkoll xehdu li tali daqqa saret meta l-konvenut kien allegatament qiegħed jirranġa l-kamra tal-banja għaliex fuq is-sit soċjali facebook, iben l-attur ra xi ritratti li l-konvenut kien tella'. Din il-Qorti tirrimarka li l-fatt li minkejja li d-data ta' meta ttellgħu dawn ir-ritratti setgħet tikkonċedi mal-waqgħa tal-ħajt, jista'

jkun il-kaġ li dawn ir-ritratti ttellghu żmien wara li effettivament saru x-xogħlijiet tal-kamra tal-banju. In oltre, l-intimat innega li huwa kien għamel xi xogħlijiet fid-dar tiegħu fi żmien meta waqa' dan il-ħajt u kif ukoll sostna li dik il-kamra tal-banju qiegħda f' parti oħra tal-proprjetà tiegħu li ma għandhiex x' taqsam mal-ħajt li waqa' jew twaqqa'. Din il-Qorti tagħmilha ċara li hija ma tistax tistrieħ fuq konġetturi u assunzjonijiet. Madanakollu, il-fatt jibqa' li l-attur sofra diversi ħsarat fil-proprjetà tiegħu liema ħsarat seħħew billi kif irraporta l-perit ex parte Joseph Dimech diversi kantuni waqgħu għal ġol-bitħa tal-attur bil-konsegwenza li għamlu ħsara fil-passaġġ tal-konkos li hemm ma' dak il-ħajt, kissru parti mill-gallinar kif ukoll tinda ta' trakk li kienet fil-bitħa.

Mill-banda l-ohra, il-konvenut sostna li kien sar ftehim ma' wieħed mill-ulied l-attur sabiex il-ħajt għandu jinħatt "*layer by layer*" minn ħaddiem inkarigat minnu. Mir-ritratti prodotti, irriżulta li l-ħajt ma kienx fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Issa għalkemm kif ġa gie evalwat mill-provi prodotti, din il-Qorti ma għandhiex quddiemha provi dwar kif effettivament waqa' jew twaqqa' dan il-ħajt, il-punt jibqa' li dan il-ħajt kien mibni fuq l-art ta' Hodkin hekk kif jirriżulta mir-rapport tal-Perit Dimech li ma ġiex kontradett bl-ebda prova oħra. Anke mix-xhieda ta' Hodkin, ġie stabbilit li dan il-hajt li waqa' kien ħajt għoli aktar minn żewġ sulari li nbena mill-awtur fit-titlu tiegħu għall-privatezza. In fatti, Hodkin xehed li "*it's a wall that is he* [with reference to plaintiff] *made the previous occupant to build out of his out premises, right, two more storeys high at my roof for his privacy.*" L-attur ukoll sostna li l-ħajt li waqa' kien proprju s-saff tal-ħajt tal-intimati.

Din il-Qorti tqis li ġaladarba l-intimat saħaq kemm-il darba li dan il-ħajt kien fi stat perikoluż, u ġaladarba jirriżulta mill-provi li dan il-ħajt li waqa' kien mibni fil-proprjetà tal-intimati u kien in fatti jinsab ġol-proprjetà tal-istess intimati, kien jinkombi fuq l-istess intimati li jwieġbu għall-ħsarat li ġew ikkaġunati fil-fond tal-attur kaġun tal-kantuni li waqgħu. Bil-provi hekk kif miġbura, din il-Qorti ma setgħetx tasal għall-konklużjoni dwar kif effettivament waqa' l-ħajt in kwistjoni, iżda xorta sejra ssib responsabbilità fuq l-intimati peress li l-intimati huma responsabbli mill-ħajt u mill-

ġebel li kien hemm fil-proprjetà tagħhom u għalhekk kellhom id-dover li jagħmlu dak kollu neċessarju sabiex dan il-ħajt ma jispiċċax fil-proprjetà tal-attur b'tali mod u manjiera li ġiet ikkaġunata ħsara fl-istess proprjetà tal-attur.

Din il-Qorti fliet ir-rapport tal-perit ex parte tal-attur li ma ġiex kontradett mill-kontroparti. Jirriżulta li d-danni li sofra l-attur kaġun talli waqa' jew twaqqa' l-ħajt jammontaw għal sitt mija u ħamsa u tmenin ewro (€685). Dan l-ammont lanqas ma ġie kontradett mill-kontroparti. Tqis li wkoll dwar it-tinda tat-trakk indikat f' dak ir-rapport, din il-Qorti ma għandha quddiemha l-ebda prova jew deskrizzjoni dwarha u għalhekk mhijiex ser tillikwida l-ebda ammont li għandu jiġi mħallas. Dwar imbagħad it-talba għal imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali numru 403/2018, jirriżulta li f'din l-ittra uffiċjali esibita a fol 29 tal-proċess ma hemmx indikat l-ammont reklamat tad-danni. Din il-Qorti tagħmel referenza għar-regola li "*in illiquidis non fit mora*" u ċjoè li ma jiddekorrix imgħax fuq ammont li għadu mhux likwidu u determinat. Issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet Turner Anthony et vs Agius Francis et fejn intqal li dwar id-dekorrenza ta' mgħax, l-imgħax fejn it-talba kienet "da liquidare" ma kellux jgħaddi mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni proprju minħabba l-prinċipju in liquidandis non fit mora. Il-Qorti żiedet iżda l-imgħax kellu jibda jiddekorri mid-data tal-ewwel sentenza peress illi f'dak il-mument il-konvenut kellu idea taċ-ċifri involuti iżda kien naqas milli jiddepożita ebda parti mill-ammont ta' danni fil-Qorti sabiex jeżimi ruħu mir-responsabilità. Għalhekk l-imgħax semmai għandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza sal-ħlas relattiv.

Dwar imbagħad l-aħħar tliet talbiet tal-attur u ċjoè għal dak li għandu x' jaqsam mal-kanal, irriżulta li hemm qbil li preżenzjalment il-kanal huwa mnaddaf. L-attur sostna li l-intimati naddfu dna il-kanal wara li ġiet ippreżentata din il-kawża. L-intimati jikkontestaw li dan il-kanal ma kienx imnaddaf. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Settembru 2003 fl-ismijiet Francis Theuma vs Dr Alfred Grech noe fejn ġie dikjarat li l-kanal kellu jinżamm nadif mill-konvenut u ċjoè l-awtur

fit-titolu tal-konvenuti odjerni. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li għalkemm l-aħħar tliet talbiet tal-atturi llum huma superfluwi, xorta l-ispejjeż relatati magħhom għandhom jiġu sopportati mill-konvenuti.

**Decide**

Għaldaqstant, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenuti, tilqa' l-ewwel tliet talbiet tal-attur, tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' sitt mija u ħamsa u tmenin ewro (€685.00ċ) u tikkundanna lill-intimati flimkien u in solidum bejniethom sabiex iħallsu lill-attur is-somma ta' sitt mija u ħamsa u tmenin ewro (€685.00ċ) b' mod immedjat flimkien mal-imgħax fuq dan l-istess ammont mid-data ta' din is-sentenza sal-ħlas effettiv filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-aħħar tliet talbiet tal-attur. Tordna li l-ispejjeż kollha relattivi inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 403/2018 għandhom jiġu sopportati mill-intimati.

(ft.) Dr Simone Grech
Maġistrat

(ft.) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur